**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 4 ta' Diċembru 2024**

Talba Numru: 85/2024CC

**Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**Keith Curmi (KI 0524590 (M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-20 ta' Marzu 2024, fejn l-attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat jħallasha s-somma ta' ħames t'elef ewro (€5000.00c) rappreżentanti servizzi reżi in konnessjoni ma servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kontijiet bin-numri 1.11119566 u 1.11118371 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenut.

L-Attriċi talbet ukoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, u bl-imgħax legali.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviż.

Ra li minkejja li l-kovenut ġie debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proċeduri, il-konvenut naqas milli jippreżenta risposta fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-smigħ ta' dan il-proċediment.

Ra li l-konvenut ġie ddikjarat mit-Tribunal bħala kontumaċi.

Ra li fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2024, is-soċjeta' attriċi ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u konsegwentament iddikjarat il-provi tagħha bħala magħluqa.

Ra li minkejja li t-Tribunal ikkonċeda lil konvenut sabiex jekk irid sa mhux aktar tard mit-28 ta' Novembru 2024 jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu, il-konvenut baqa' ma ppreżentax in-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa'.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**It-Tribunal jikkunsidra.**

Fis-sentenza **G.M.F Precast Limited vs Franmar Limited** deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fl-14 ta' Lulju 2022 ingħad li:

*"Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din lahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fid-duttrina forensi nsibu ritenut illi, "la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto" (SALVATORE LA ROSA, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p. 175). Mil-lat ta' gurisprudenza domestika, wiehed huwa mistieden jara in re* ***Giuseppe Gerada v. Salvu Attard*** *(Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959); id-decizjoni riportata f'Kollez. Vol*

*XXIX-III-35; il-kawza in re* ***Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et*** *(Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010); id-decizjoni in re* ***Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici*** *(Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata); u in re* ***Awtoritá Ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim*** *(Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata) li fiha insenjamenti ulterjuri dwar dan is-suggett. Ghalhekk, il-posizzjoni guridika tal-parti mharrka f'dan il-procediment hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika ta' l-allegazzjonijiet kollha vantati kontriha, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss.*

**It-Tribunal jikkunsidra.**

Illi t-Tribunal sejjer jagħmel analiżi tal-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u dan sabiex eventwalment jiġi determinat jekk permezz tal-provi mressqa mill-attriċi, t-talba ta' l-istess attriċi għandhiex tiġi milqugħa.

Flimkien mal-Avviż tat-Talba, l-attriċi ppreżentat żewġ kopji ta' fattura, liema fatturi jindikaw li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta'  ħames t'elef, disa' mija u ħames ewro u tnax-il ċenteżmi (€5,905.12c) u anke affidavit tal-avukat Dr Jeremy Debono li fih iddikjara u kkonferma li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' ħames t'elef ewro (€5000.00c).

It-Tribunal isostni li t-talba tal-attriċi tirriżulta kkonfermata kemm mil-affidavittal-avukat Dr Jeremy Debono u anke mill-fatturi annessi mal-istess avviż tat-talba.

**Decide**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba ta' l-attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-istess attriċi s-somma ta' ħames t'elef ewro (€5000), bl-imgħax legali dekorribbli mil-20 ta' Marzu 2024 sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avv Dr Christopher Chircop**

**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**

**Deputat Reġistratur**